**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

---

## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUMITAT

## LAQGĦA NUMRU 43 – IT-TLIETA, 18 TA' MARZU 2014 FIS-6.00PM

Il-Kumitat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Dr Frank Bartolo | *Chairman* |
| Alfred Mangion | Viċi *Chairman* |
| Robert Vella Bonnici | Membru |
| Salvatore Mousù | Membru |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Assenti

| | |
|---|---|
| Janet Barthet | Membru |

**1 Minuti Numru 42**

1.1 Ma kien hemm ebda korrezzjoni fil-minuti. Is-Sur Alfred Mangion ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Robert Vella Bonnici ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Komunikazzjoni miċ-*Chairman***

2.1 Ġiet innutata ittra minn TM fejn ġiet approvata, għal perjodu temporanju, il-One Way ta' Triq il-Gardell. Ġie deċiż li tinbagħat ittra lir-residenti qabel ma' tiġi implimentata.

2.2 Ic-Chairman informa lill-Kumitat li kien ser jagħmel żjara l-Kap Tal-Oppozizzjoni nhar l-Erbgħa, 26 ta' Marzu.

2.3 Ġiet diskussa s-sitwazzjoni fi Triq Antonio Schembri. Hemm resident li qed jitlob li din it-triq tingħalaq għat-traffiku meta jkunu ħerġin it-tfal mill-iskola. Il-Kumitat ma qabilx ma' din minħabba li jekk jiġri hekk il-problema ma tiġix solvuta imma sempliċiment tiġi mċaqalqa għal toroq oħra. Dan ir-resident talab ukoll biex issir camera f'din it-triq. Il-Kumitat ma qabilx ma din, minħabba li l-problema hija biss għal nofs siegħa sakemm joħorgu t-tfal mill-iskola.

2.4 Il-Kumitat iddiskuta r-refusal għall-applikazzjoni għal Memo 25/2014, għall-fondi għall-attivitajiet kulturali. Intbagħtet ittra lid-Direttur għal spjegazzjoni.

.

**3 Affarijiet Oħra**

3.1 Għandhom jintbagħtu rendikont finanzjarju lill-membri tal-kumitat.

3.2 Ġie deċiż li tintbagħat ittra lill-WSC rigward tappieri sfrundati fit-Toroq tas-Sliema u Birkirkara.

3.3 Ġiet innutata wkoll li x-xogħol fuq il-bankini għadhom ma bdewx. Ġie deċiż li tinbagħat reminder lill-kuntrattur.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.20pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 8 ta' April 2014 fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | **Dr Frank Bartolo**<br>**Chairman** |